Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2310

19.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2310

tas-17 ta' Novembru 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/781 billi tħassar l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza

(notifikata bid-dokument C(2025)7595)

(It-testi bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Olandiż, bit-Taljan u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781 [2] isiru legalment vinkolanti għall-manifatturi li ma kinux destinatarji ta' dik id-Deċiżjoni peress li daħlu biss fis-suq tal-Unjoni wara l-perjodu ta' rapportar tas-sena 2019 billi rreġistraw vetturi li jaqgħu fis-sottogruppi ta' vetturi msemmija fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza jitħassru mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/781 u jiġu adottati mill-ġdid permezz ta' att ta' applikazzjoni ġenerali.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/781 tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/781

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/781 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 jitħassar;

(2) l-Anness II jitħassar.

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-manifatturi li ġejjin:

(1) DAF TRUCKS N.V.
P.O. Box 90065
5600 PT Eindhoven
In-Netherlands

(2) DAIMLER TRUCK AG
Fasanenweg 10
70771 Leinfelden-Echterdingen
Il-Ġermanja

[1] ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/781 tas-10 ta' Mejju 2021 dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO_2 għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni u emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2019 (ĠU L 167, 12.5.2021, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/781/oj).

(3) FORD OTOMOTIV SANAYI A.Ş.
Akpınar Mahallesi Hasan Basri Caddesi No: 2
34885 Sancaktepe/İstanbul
It-Turkija

(4) IVECO MAGIRUS AG
Nicolaus-Otto-Straße 27
89079 Ulm
Il-Ġermanja

(5) IVECO S.P.A.
Via Puglia 35
10156 Torino
L-Italja

(6) MAN TRUCK & BUS SE
Dachauer Straße 667
80995 München
Il-Ġermanja

(7) RENAULT TRUCK SAS
99 Route de Lyon
69800 Saint-Priest
Franza

(8) SCANIA CV AB
Vagnmakarvägen 1
151 87 Södertälje
L-Iżvezja

(9) VOLVO TRUCK CORPORATION
Herkulesgatan 75
405 08 Göteborg
L-Iżvezja

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni